

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ģeneralis tas-16 ta' Novembru 2022 – Sciessent vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi T-122/20 u T-123/20) <sup>(1)</sup>

("Prodotti bijoċidali – Sustanzi attivi – Żeolit tal-fidda u żeolit tal-fidda u tar-ram – Rifjut ta' approvazzjoni għat-tipi ta' prodotti 2 u 7 – Artikolu 4 u Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 – Effikaċja – Sustanzi attivi intiżi li jiġu użati f'oġġetti trattati – Evalwazzjoni tal-effikaċja tal-oġġetti ttrattati nnifishom – Kompetenza tal-Kummissjoni – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Ċertezza legali – Aspettattivi leggittimi")

(2023/C 24/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

**Rikorrent:** Sciessent LLC (Beverly, Massachusetts, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u P. Sellar, avukati, u V. McElwee, solicitor)

**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Dawes u R. Lindenthal, aġenti)

**Intervenjent insostenn tal-kovenuta:** Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: R. Shahsavan Eriksson, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, H. Shev, H. Eklinger u O. Simonsson, aġenti), L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä, C. Buchanan u T. Zbihlej, aġenti)

### **Suġġett**

Permezz tar-rikorsi bbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1960 tas-26 ta' Novembru 2019 li ma tapprovax iż-żeolit tal-fidda bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 7 (ĠU 2019, L 306, p. 42), u tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1973 tas-27 ta' Novembru 2019 li ma tapprovax iż-żeolit tar-ram [u] tal-fidda bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 7 (ĠU 2019, L 307, p. 58).

### **Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-122/20 u T-123/20 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Sciessent LLC għandha tbat, minbarra spejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Ir-Renju tal-Isvezja u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandhom kull wieħed minnhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 20.4.2020.